



**KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA**

**Brussel, 28 ta' Ġunju 2007
(OR. en)**

8520/07

**Fajl Interistituzzjonali:
2005/0247 (COD)**

**UD 41
ENFOCUSTOM 46
MI 86
COMER 60
TRANS 116
CODEC 352**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: POŻIZZJONI KOMUNI adottata mil-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ

DEĊIŻJONI Nru .../2007/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 95 u 135 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat²,

¹ ĠU C 318, 23.12.2006, p. 47.

² Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2006 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali), Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) Il-Komunità u l-Istati Membri impenjaw ruħhom, skond l-Aġenda ta' Lisbona, biex iżidu l-kompetittività ta' kumpaniji li qed jagħmlu l-kummerċ fl-Ewropa. Skond id-Deċiżjoni 2004/387/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-21 ta' April 2004 dwar it-twassil interoperabbli ta' servizzi ta' l-e-Government pan-Ewropej lil amministrazzjonijiet pubbliċi, negozji u ċittadini (IDABC)¹, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu sistemi ta' informazzjoni u komunikazzjoni effiċjenti, effettivi u interoperabbli għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-amministrazzjonijiet pubbliċi u ċ-ċittadini tal-Komunità.
- (2) L-azzjoni eGovernment pan-Ewropea, kif prevista mid-Deċiżjoni 2004/387/KE, teħtieġ miżuri biex tiżdied l-effiċjenza ta' l-organizzazzjoni tal-kontrolli doganali u biex tkun żgurata ċ-ċirkolazzjoni ta' data mingħajr tfixkil biex l-iżdoganar isir aktar effiċjenti, biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, biex jgħinu fil-ġlieda kontra l-frodi, il-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, biex iservu l-interessi fiskali, biex jitħarsu l-proprjeta intellettwali u l-wirt kulturali, biex tiżdied is-sikurezza tal-merkanzija u s-sigurtà tal-kummerċ internazzjonali u biex jitjieb il-ħarsien tas-saħħa u ta' l-ambjent. Għal dak il-għan, il-forniment ta' teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) għal skopijiet doganali huwa ta' interess kruċjali.

¹ ĠU L 144, 30.4.2004, p.65. Verżjoni korretta fil-ĠU L 181, 18.5.2004, p. 25.

- (3) Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2003 dwar il-ħolqien ta' ambjent sempliċi u mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ¹, li segwiet wara l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ambjent sempliċi u mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ, tistieden lill-Kummissjoni biex tħejji, b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri, pjan strateġiku pluriennali għall-ħolqien ta' ambjent doganali elettroniku interoperabbli u koerenti għall-Komunità. Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju² jeħtieġ l-użu ta' tekniki ta' l-ipproċessar tad-data għall-preżentazzjoni ta' dikjarazzjonijiet sommarji u għall-iskambju elettroniku ta' data bejn l-awtoritajiet doganali, bil-ħsieb li l-kontrolli doganali jkunu bbażati fuq sistemi awtomatizzati ta' analiżi tar-riskju.
- (4) Għaldaqstant, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-għanijiet li għandhom jintlaħqu għall-ħolqien ta' ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ, kif ukoll l-istruttura, il-mezzi u l-limiti ta' żmien biex dan isir.
- (5) Il-Kummissjoni għandha timplimenta din id-Deċiżjoni b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġu speċifikati r-responsabbiltajiet u l-kompiti rispettivi tal-partijiet ikkonċernati u li jsir provvediment dwar kif l-ispejjeż iridu jinqasmu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri.

¹ ĠU C 305, 16.12.2003, p. 1.

² ĠU L 302, 19.10.1992, p.1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

- (6) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaqsmu r-responsabbiltà għall-komponenti Komunitarji u nazzjonali tas-sistemi ta' skambju ta' komunikazzjoni u ta' informazzjoni, b'mod konformi mal-prinċipji stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 253/2003/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Frar 2003 li tadotta programm ta' azzjoni għad-dwana fil-Komunità (Dwana 2007)¹ u b'kont meħud tad-Deċiżjoni Nru 2235/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2002 li tadotta programm Komunitarju għat-titjib fit-tħaddim tas-sistemi ta' tassazzjoni fis-suq intern (programm Fiscalis 2003-2007)².
- (7) Biex tkun żgurata l-konformità ma' din id-Deċiżjoni, u l-konsistenza bejn is-sistemi differenti li għandhom jiġu żviluppati, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' monitoraġġ.
- (8) Rapporti regolari mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni għandhom jipprovdu informazzjoni dwar il-progress ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
- (9) Sabiex jinkiseb ambjent mingħajr karti, tinħtieġ koperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi. Biex titħaffef dik il-koperazzjoni, il-Grupp tal-Politika Doganali għandu jiżgura l-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni. Il-konsultazzjoni ma' l-operaturi ekonomiċi għandha ssir kemm f'livell nazzjonali kif ukoll f'livell Komunitarju fl-istadji kollha ta' tħejjija ta' dawk l-attivitajiet.
- (10) Il-pajjiżi aderenti u dawk kandidati għandhom jitħallew jieħdu sehem f'dawk l-attivitajiet, bil-ħsieb tat-tħejjija għall-adeżjoni.

¹ ĠU L 36, 12.12.2003, p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni (KE) Nru 787/2004 (ĠU L 138, 30.4.2004, p. 12).

² ĠU L 341, 17.12.2002 p. 1. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 885/2004 (ĠU L 168, 1.5.2004, p. 1).

- (11) Peress li l-għan ta' din id-Deċiżjoni, jiġifieri l-ħolqien ta' ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ ma jistax jintlaħaq b'mod sodisfaċenti mill-Istati Membri, u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, skond il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilita f'dak l-Artikolu, din id-Deċiżjoni ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jinkiseb dan l-għan.
- (12) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati b'mod konformi mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni¹.
- (13) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex testendi l-limiti ta' żmien kif previst fl-Artikolu 4(2), (3) u (5) ta' din id-Deċiżjoni. Peress li dawk il-miżuri għandhom kamp ta' applikazzjoni ġenerali u huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Deċiżjoni, dawn għandhom jiġu adottati b'mod konformi mal-proċedura regolatorja bi skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23. Deċiżjoni kif emendata bid- Deċiżjoni 2006/512/KE (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 11).

Artikolu 1
Sistemi doganali elettroniċi

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi doganali elettroniċi siguri, integrati, interoperabbli u aċċessibbli għall-iskambju ta' data li tinsab f'dikjarazzjonijiet doganali, dokumenti li jakkumpanjaw id-dikjarazzjonijiet doganali u ċertifikati u l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti ieħor.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jipprovdu l-istruttura u l-mezzi għat-tħaddim ta' dawk is-sistemi doganali elettroniċi.

Artikolu 2
Objettivi

1. Is-sistemi doganali elettroniċi msemmija fl-Artikolu 1 għandhom jitfasslu sabiex jilħqu l-għanijiet li ġejjin:
 - (a) iħaffu l-proċeduri ta' importazzjoni u esportazzjoni;
 - (b) inaqqsu l-ispejjeż ta' konformità u dawk amministrattivi u jtejbu l-perijodu ta' żmien għall-iżdoganar;
 - (ċ) jikkoordinaw approċċ komuni dwar il-kontroll tal-merkanzija;
 - (d) jgħinu biex jiżguraw il-ġbir kif suppost tad-dazji doganali u l-ħlasijiet l-oħrajn kollha;
 - (e) jiżguraw l-provvista rapida ta' informazzjoni u r-riċeviment ta' informazzjoni rilevanti fir-rigward tal-katina ta' forniment internazzjonali;

- (f) jippermettu l-fluss mingħajr xkiel ta' data bejn l-awtoritajiet ta' pajjiżi esportaturi u importaturi kif ukoll bejn l-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi, waqt li jippermettu li d-data li tiddaħħal fis-sistema terġa' tintuża.

L-integrazzjoni u l-evoluzzjoni tas-sistemi doganali elettroniċi għandhom ikunu proporzjonati ma' l-għanijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

- 2. L-għanijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jinkisbu mill-inqas bil-mezzi li ġejjin:
 - (a) l-iskambju armonizzat ta' informazzjoni abbażi ta' mudelli ta' data u formati ta' messaġġi aċċettati internazzjonalment;
 - (b) l-organizzazzjoni mill-ġdid ta' proċessi doganali u proċessi li għandhom x'jaqsmu mad-dwana bil-ħsieb li jiġu ottimizzati l-effiċjenza u l-effettività tagħhom, li jiġu ssimplifikati u li titnaqqas l-ispiża ta' konformità doganali;
 - (ċ) l-offerta ta' firxa wiesgħa ta' servizzi doganali elettroniċi lil operaturi ekonomiċi li tippermetti lil dawn l-operaturi li jinteraġixxu bl-istess mod ma' l-awtoritajiet doganali ta' kwalunkwe Stat Membru.
- 3. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, il-Komunità għandha tippromwovi l-interoperabbiltà tas-sistemi doganali elettroniċi mas-sistemi doganali ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aċċessibilità tas-sistemi doganali elettroniċi għal operaturi f'pajjiżi terzi, bil-ħsieb li jinholq ambjent mingħajr karti fl-ivell internazzjonali fejn dan ikun previst skond ftehim internazzjonali u soġġett għal arranġamenti finanzjarji adatti.

Artikolu 3
Skambju ta' data

1. Is-sistemi doganali elettroniċi tal-Komunità u ta' l-Istati Membri għandhom jipprovdu għall-iskambju ta' data bejn l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri u bejn daww l-awtoritajiet u dawn li ġejjin:
 - (a) l-operaturi ekonomiċi;
 - (b) il-Kummissjoni;
 - (ċ) amminstrazzjonijiet jew aġenziji uffiċjali oħrajn involuti fil-moviment internazzjonali tal-merkanzija (minn hawn 'il quddiem imsejħa "amminstrazzjonijiet jew aġenziji oħrajn").

2. Kwalunkwe żvelar jew komunikazzjoni ta' data għandha tikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar il-protezzjoni tad-data, partikolarment id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u l-moviment liberu ta' tali data¹ u r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' tali data².

¹ ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

² ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

Artikolu 4

Sistemi, servizz u limiti ta' żmien

1. L-Istati Membri għandhom, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jagħmlu operattivi s-sistemi doganali elettroniċi li għejjin skond il-ħtiġijiet u l-limiti ta' żmien stabbiliti fil-leġislazzjoni fis-seħħ:
 - (a) sistemi għall-importazzjoni u l-esportazzjoni, li joperaw flimkien mas-sistema għat-transitu u li jippermettu l-fluss mingħajr xkiel ta' data minn sistema doganali waħda għal oħra fil-Komunità kollha;
 - (b) sistema ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni għall-operaturi ekonomiċi, li topera flimkien mas-sistema awtorizzata ta' l-operaturi ekonomiċi u li tippermetti li dawk l-operaturi ekonomiċi jirreġistraw darba biss għall-interazzjonijiet kollha tagħhom ma' l-awtoritajiet doganali fil-Komunità kollha, b'kont meħud tas-sistemi Komunitarji jew nazzjonali eżistenti;
 - (ċ) sistema għall-proċedura ta' awtorizzazzjoni, inkluż il-proċess ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni, il-ġestjoni ta' ċertifikati għall-operaturi ekonomiċi awtorizzati u r-reġistrazzjoni ta' dawk iċ-ċertifikati f'bażi ta' data aċċessibbli mill-awtoritajiet doganali.
2. L-Istati Membri għandhom, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jistabbilixxu u jagħmlu operattivi sa...^{*}, il-portali doganali komuni biex jipprovdu lill-operaturi ekonomiċi l-informazzjoni meħtieġa għal transazzjonijiet doganali fl-Istati Membri kollha .

* Tliet snin middata tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni

3. Il-Kummissjoni għandha, f'koperazzjoni ma' l-Istati Membri, tistabbilixxi u tagħmel operattiv sa...^{*}, ambjent tariffarju integrat li jippermetti l-kollegament ma' sistemi oħrajn relatati ma' l-importazzjoni u l-esportazzjoni mħaddma fil-Kummissjoni u l-Istati Membri.
4. Il-Kummissjoni għandha, fi sħubija ma' l-Istati Membri fil-Grupp tal-Politika Doganali u sa ...^{**}, tevalwa l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali komuni għal:
- (a) qafas għal punti ta' aċċess uniċi, li jippermetti lill-operaturi ta' l-ekonomija biex jagħmlu użu minn interazzjoni waħda biex iressqu d-dikjarazzjonijiet doganali elettroniċi, anke jekk il-proċedura tad-dwana titwettaq fi Stat Membru ieħor;
 - (b) interfaces elettroniċi għal operaturi ekonomiċi li jippermettulhom iwettqu l-kummerċ kollu relatat mad-dwana, anke jekk ikunu involuti diversi Stati Membri, ma' l-awtoritajiet doganali ta' l-Istat Membru fejn huma stabbiliti; u
 - (c) servizzi ta' interface uniku li jipprovdu l-fluss bla xkiel ta' data bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali, bejn l-awtoritajiet doganali u l-Kummissjoni, u bejn l-awtoritajiet doganali u amministrazzjonijiet jew aġenziji oħrajn, u li jippermettu lill-operaturi ekonomiċi jissottomettu lid-dwana l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-iżdoganar ta' importazzjonijiet jew esportazzjonijiet, inkluża informazzjoni li tkun meħtieġa minn leġislazzjoni li ma għandhiex x'taqsam ma' dwana.

* Ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

** Tliet snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

5. Fi żmien tliet snin ta' evalwazzjoni pożittiva ta' l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali komuni msemmija fil-paragrafu 4 (a) u (b), l-Istati Membri għandhom, f'koperazzjoni mal-Kummissjoni, jagħmlu kull sforz biex jistabbilixxu u jagħmlu operattiv il-qafas għal punti ta' aċċess uniċi u l-interfaces elettroniċi.
6. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu kull sforz biex jistabbilixxu u jagħmlu operattiv il-qafas għas-servizzi ta' interface uniku. L-evalwazzjoni tal-progress li jkun inkiseb f'dan il-qasam għandu jiġi inkluż fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 12.
7. Il-Komunità u l-Istati Membri għandhom jagħmlu provvedimenti għall-manutenzjoni debita u t-titjib meħtieġ tas-sistemi u s-servizzi msemmija f'dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Komponenti u responsabbiltajiet

1. Is-sistemi doganali elettroniċi għandhom jikkonsistu f'komponenti Komunitarji u komponenti nazzjonali.
2. Il-komponenti Komunitarji tas-sistemi doganali elettroniċi għandhom jikkonsistu b'mod partikolari fi:
 - (a) studji relatati dwar il-fattibbiltà u l-ispeċifikazzjonijiet komuni funzjonali u tekniċi tas-sistema;

- (b) prodotti u s-servizzi komuni, inklużi s-sistemi ta' referenza komuni meħtieġa għad-dwana u għal informazzjoni relatata mad-dwana;
 - (c) servizzi tan-Netwerk Komuni ta' Komunikazzjoni u l-Interface Komuni tas-Sistemi (CCN/CSI) għall-Istati Membri;
 - (d) attivitajiet ta' koordinazzjoni mwettqa mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni meta jimplimentaw u joperaw sistemi doganali elettroniċi fil-qasam komuni tal-Komunità;
 - (e) attivitajiet ta' koordinazzjoni mwettqa mill-Kummissjoni meta timplimenta u topera sistemi doganali elettroniċi fil-qasam estern tal-Komunità, esklużi s-servizzi mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet nazzjonali.
3. Il-komponenti nazzjonali tas-sistemi doganali elettroniċi għandhom jikkonsistu b'mod partikolari fi:
- (a) speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-sistema nazzjonali;
 - (b) sistemi nazzjonali, inklużi d-databases;
 - (c) kollegamenti tan-netwerk bejn l-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi, u bejn l-awtoritajiet doganali u amministrazzjonijiet jew aġenziji oħrajn, fl-istess Stat Membru;
 - (d) kwalunkwe softwer jew tagħmir li Stat Membru jqis li hu meħtieġ biex ikun żgurat użu sħiħ tas-sistema.

Artikolu 6
Kompiti tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tiżgura, b'mod partikolari, dan li ġej:

- (a) il-koordinazzjoni ta' l-istabbiliment, l-ittestjar għall-konformità, l-installazzjoni, it-tħaddim u l-appoġġ tal-komponenti Komunitarji fir-rigward tas-sistemi doganali elettroniċi;
- (b) il-koordinazzjoni tas-sistemi u s-servizzi previsti f'din id-Deċiżjoni flimkien ma' proġetti rilevanti oħrajn dwar l-eGovernment f'livell Komunitarju;
- (ċ) l-ikkompletar tal-kompiti allokatilhom skond il-pjan strateġiku pluriennali previst fl-Artikolu 8(2);
- (d) il-koordinazzjoni ta' l-iżvilupp ta' komponenti Komunitarji u nazzjonali bil-ħsieb ta' implimentazzjoni sinkronizzata tal-proġetti;
- (e) il-koordinazzjoni f'livell Komunitarju tas-servizzi doganali elettroniċi u s-servizzi ta' interface uniku bil-ħsieb tal-promozzjoni u l-implimentazzjoni tagħhom f'livell nazzjonali;
- (f) il-koordinazzjoni tal-ħtiġijiet ta' taħriġ.

Artikolu 7
Kompiti ta' l-Istati Membri

1. L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jiżguraw dan li ġej:

- (a) il-koordinazzjoni ta' l-istabbiliment, l-ittestjar għall-konformità, l-installazzjoni, it-tħaddim u l-appoġġ tal-komponenti nazzjonali, fir-rigward tas-sistemi doganali elettroniċi;

- (b) il-koordinazzjoni tas-sistemi u s-servizzi previsti f'din id-Deċiżjoni ma' proġetti rilevanti oħrajn relatati ma' l-eGovernment f'livell nazzjonali;
 - (c) l-ikkompletar tal-kompiti allokatilhom skond il-pjan strateġiku pluriennali previst fl-Artikolu 8(2);
 - (d) il-forniment regolari ta' informazzjoni lill-Kummissjoni rigward il-miżuri meħuda biex l-awtoritajiet jew l-operaturi ekonomiċi rispettivi tagħhom ikunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ mis-sistemi doganali elettroniċi;
 - (e) il-promozzjoni u l-implimentazzjoni f'livell nazzjonali tas-servizzi doganali elettroniċi u s-servizzi ta' interface uniku;
 - (f) it-taħriġ meħtieġ għall-uffiċjali doganali u uffiċjali kompetenti oħrajn.
2. L-Istati Membri għandhom jistmaw u jikkomunikaw lill-Kummissjoni annwalment ir-riżorsi umani, baġitarji u tekniċi meħtieġa biex jikkonformaw ma' l-Artikolu 4 u mal-pjan strateġiku pluriennali previst fl-Artikolu 8(2).
3. Jekk ikun hemm riskju li xi azzjoni prevista minn Stat Membru dwar l-istabbiliment jew it-tħaddim tas-sistemi doganali elettroniċi tista' tikkomprometti l-interoperabilità jew it-tħaddim ġenerali ta' dawk is-sistemi, dak l-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar dan qabel ma' jieħu azzjoni bħal din.

Artikolu 8
Strateġija u koordinazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha, fi sħubija ma' l-Istati Membri fil-Grupp tal-Politika Doganali, tiżgura dan li ġej:
 - (a) id-determinazzjoni ta' l-istrateġiji, ir-riżorsi meħtieġa u l-fażijiet ta' żvilupp;
 - (b) il-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet kollha relatati mad-dwana elettronika, biex ikun żgurat li r-riżorsi, inklużi dawk użati fuq il-livell nazzjonali u dak Komunitarju, jintużaw bl-aħjar u bl-iżjed mod effiċjenti;
 - (ċ) il-koordinazzjoni ta' l-aspetti legali, operattivi, ta' taħriġ u ta' l-iżvilupp ta' l-IT kif ukoll il- provvista ta' informazzjoni lill-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi dwar dawk l-aspetti;
 - (d) il-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet ta' implimentazzjoni tal-partijiet kollha kkonċernati;
 - (e) il-konformità tal-partijiet ikkonċernati ma' l-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 4.
2. Il-Kummissjoni għandha, fi sħubija ma' l-Istati Membri fil-Grupp tal-Politika Doganali, tfassal u żżomm aġġornat pjan strateġiku pluriennali li jalloka l-kompiti lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.

Artikolu 9

Riżorsi

1. Għall-għanijiet ta' l-istabbiliment, it-tħaddim u t-titjib tas-sistemi doganali elettroniċi b'mod konformi ma' l-Artikolu 4, il-Komunità għandha tagħmel disponibbli r-riżorsi umani, baġitarji u tekniċi meħtieġa għall-komponenti tal-Komunità.
2. Għall-għanijiet ta' l-istabbiliment, it-tħaddim u tat-titjib tas-sistemi doganali elettroniċi b'mod konformi ma' l-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli r-riżorsi umani, baġitarji u tekniċi meħtieġa għall-komponenti nazzjonali.

Artikolu 10

Dispożizzjonijiet finanzjarji

1. Mingħajr preġudizzju għall-ispejjeż li jridu jsiru minn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qafas ta' l-Artikolu 2 (3), l-ispejjeż relatati ma' l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinqasmu bejn il-Komunità u l-Istati Membri b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.
2. Il-Komunità għandha ġgħorr l-ispejjeż relatati mad-disinn, l-akkwist, l-installazzjoni, it-tħaddim u l-manutenzjoni tal-komponenti Komunitarji, imsemmi fl-Artikolu 5(2), b'mod konformi mal-Programm Doganali 2007 stabbilit fid-Deċiżjoni Nru 253/2003/KE u kwalunkwe programm li jsegwih.

3. L-Istati Membri għandhom iġorru l-ispejjeż relatati ma' l-istabbiliment u t-tħaddim tal-komponenti nazzjonali, imsemmi fl-Artikolu 5(3), inklużi l-interfaces ma' amministrazzjonijiet jew aġenziji oħrajn u operaturi ekonomiċi.
4. L-Istati Membri għandhom itejbu l-koperazzjoni tagħhom bil-ħsieb li jimminimizzaw l-ispejjeż billi jiżviluppaw mudelli ta' tqassim ta' l-ispejjeż u soluzzjonijiet komuni.

Artikolu 11

Monitoraġġ

1. Il-Kummissjoni għandha tiegħu l-passi kollha meħtieġa biex tivverifika li l-miżuri ffinanzjati mill-baġit tal-Komunità qegħdin jitwettqu skond din id-Deċiżjoni u li r-riżultati miksuba huma konsistenti ma' l-għanijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1).
2. Il-Kummissjoni għandha, fi sħubija ma' l-Istati Membri fil-Grupp tal-Politika Doganali, tissorvelja regolarment il-progress li jkun sar minn kull Stat Membru u mill-Kummissjoni fir-rigward tal-konformità ma' l-Artikolu 4, bil-ħsieb li jkun iddeterminat jekk intlaħqux l-għanijiet stabbiliti fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1) u kif l-effettività ta' l-attivitajiet involuti fl-implimentazzjoni tas-sistemi doganali elettroniċi tista' tittejjeb.

Artikolu 12

Rapporti

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw regolarment lill-Kummissjoni dwar il-progress tagħhom fir-rigward ta' kull kompitu allokat lilhom taħt il-pjan strateġiku pluriennali msemmi fl-Artikolu 8(2). Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar l-ikkompletar ta' kull wieħed minn dawn il-kompiti.

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport ta' progress annwali li jkopri l-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel. Dawk ir-rapporti annwali għandhom ikunu bbażati fuq format stabbilit mill-Kummissjoni, fi sħubija ma' l-Istati Membri fil-Grupp tal-Politika Doganali.
3. Sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha, abbażi tar-rapporti annwali msemmija fil-paragrafu 2, tistabbilixxi rapport konsolidat li jevalwa l-progress magħmul mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, partikolarment lejn il-konformità ma' l-Artikolu 4, u dwar il-ħtieġa possibbli għal estensjoni tal-limiti ta' żmien msemmijin 'l-Artikolu 4(2), (3) u (5), u tippreżenta dak ir-rapport lill-partijiet ikkonċernati u lill-Grupp tal-Politika Doganali għal aktar konsiderazzjoni.
4. Barra minn hekk, ir-rapport konsolidat imsemmi fil-paragrafu 3 għandu jkun fih ir-riżultati ta' kull żjara ta' monitoraġġ li tkun setgħet saret. Għandu jkun fiha wkoll ir-riżultati ta' kull kontroll ieħor u tista' tistabbilixxi metodi u kriterji, għal użu f'kull evalwazzjoni sussegwenti, b'mod partikolari evalwazzjoni ta' l-interoperabbiltà u l-iffunzjonar tas-sistemi doganali elettroniċi.

Artikolu 13

Konsultazzjoni ma' l-operaturi ekonomiċi

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw regolarment lill-operaturi ekonomiċi fl-istadji kollha tat-tħejjija, ta' l-iżvilupp u l-installazzjoni tas-sistemi u s-servizzi previsti fl-Artikolu 4.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom kull wieħed jistabbilixxu mekkaniżmu ta' konsultazzjoni li jlaqqa' flimkien fuq bażi regolari selezzjoni rappreżentattiva ta' operaturi ekonomiċi.

Artikolu 14

Pajjiżi li ser jissieħbu jew li huma kandidati

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-pajjiżi li ġew rikonoxxuti bħala pajjiżi kandidati jew li ser jissieħbu, bit-tnejn, l-iżvilupp u l-installazzjoni tas-sistemi u s-servizzi previsti fl-Artikolu 4, u għandha tippermetti l-parteċipazzjoni tagħhom fihom.

Artikolu 15

Il-miżuri ta' implimentazzjoni

Estensjoni ta' l-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 4(2), (3) u (5) għandha tiġi adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 16(2).

Artikolu 16

Il-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġġuna mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'kont meħud tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Artikolu 17
Id-Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 18
Destinatarji

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President
